

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

357/16

20/06/2016

Komunità tal-Afrika tal-Lvant: L-UE ser tiffirma ftehim ta' sħubija ekonomika mal-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija u l-Uganda

Fl-20 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill awtorizza, f'isem l-UE, l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim ta' sħubija ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC). Il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant tinkludi l-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija u l-Uganda.

Il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika huma maħsuba biex isaħħu l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP). Huma bbażati fuq il-prinċipju tal-ftuħ asimetriku tas-suq, jiġifieri jipprovdu aċċess aħjar għas-suq tal-UE lis-sħab tal-AKP. B'mod partikolari, joffru opportunitajiet tas-suq mingħajr preċedent għall-prodotti agrikoli u tas-sajd. L-FSE jieħdu post ir-reġim ta' aċċess għas-suq preċedenti ta' preferenzi unilaterali għall-pajjiżi tal-AKP.

- [Komunità tal-Afrika tal-Lvant](#)
- [Skeda informattiva tal-FSE bejn il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u l-UE](#)
- [Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika \(informazzjoni ġenerali\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press